DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 214/2018

tas-26 ta' Ottubru 2018

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2021/497]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Direttiva (UE) 2018/411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/97 rigward id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE,

(3) Id-Direttiva (UE) 2016/97 tħassar id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt 13b (id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jitħassar.

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 13d (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/9/KE):

"13e. **32016 L 0097**: Id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19), kif emendata minn:

— **32018 L 0411**: Id-Direttiva (UE) 2018/411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 28).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stat Membru/i' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftiehmu li qed jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fid-Direttiva, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Ir-referenzi għal atti oħrajn fid-Direttiva għandhom jitqiesu rilevanti sal-punt u b'mod li dawn l-atti jiġu inkorporati fil-Ftehim.

(c) Fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 5(1), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(3) u fl-Artikolu 9(2), il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma 'EIOPA'.

(d) Fl-Artikoli 5(3) u 8(5), il-kliem 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'EIOPA'. "

([1]) ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19.
([2]) ĠU L 76, 19.3.2018, p. 28.
([3]) ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.

Artikolu 2

It-test tad-Direttivi (UE) 2016/97 u (UE) 2018/411 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2018, dment li jkunu saru l-avviżi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Oda Helen SLETNES

(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.